# ID-DAWL

JANNAR 2018 NUMRU 1

## “U meta l-kotba jinfirxu ma’ kullimkien!”

Bidu Ġdid | Is-Sors tal-Paċi | Il-Libertà tar-Reliġjon | Il-Kriżi Dinjija u t-Triq għall-Paċi

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

## Editorjal

# BIDU ĠDID

L-invenzjoni tal-magni tal-istampar u d-djar tal-pubblikazzjoni u, b'riżultat ta' dan, it-tixrid tal-kotba ma' kullimkien hija waħda mill-profeziji meraviljużi tal-Koran Imqaddes li saret fiż-żminijiet imdallma tal-injoranza u l-illitteriżmu. Alla jistqarr fil-Koran Imqaddes: **"U meta l-kotba jiġu mitbugħa u mferrxa ma' kullimkien"** (81:11).

Din ir-referenza tixhed b'mod ċar il-mezz tat-tixrid tal-għarfien fil-Jiem Sussegwenti – fil-perjodu tal-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as]. Dan il-vers fl-istess ħin jenfasizza l-importanza tal-għarfien u l-fehim.

Għal din ir-raġuni l-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta se tibda era ġdida bil-pubblikazzjoni ta' rivista msejħa **ID-DAWL** bl-ilsien Malti. **ID-DAWL** se tipprovdi perspettiva ġdida u paċifika tal-filosofija ġenwina u profonda tat-tagħlim tal-Iżlam. Se teħodha kontra interpretazzjonijiet illoġiċi ta' dikjarazzjonijiet Koraniċi u l-użu ħażin tal-liġi Iżlamika; u se tintuża biex jiġu kkoreġuti interpretazzjonijiet, fehmiet u kunċetti żbaljati dwar l-Iżlam.

Se jkollha rwol essenzjali biex titfa' dawl ħalli tinstab l-aktar triq utli u possibbli li twassal għal dinja aktar trankwilla, aktar b'saħħitha u aktar għanja. Se titfa' dawl fuq l-għarfien u l-fehim. Aktar minn hekk, se tipprovdi qafas biex jinbnew il-pontijiet bejn il-popli; se tippromwovi t-tolleranza, l-armonija u l-fratellanza; u biex tifrex il-messaġġ ta' tama, sliem u paċi.



**ID-DAWL**
Jannar 2018 – Numru 1 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tele:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

Il-Qoxra © Wong Salam | shutterstock
© Romolo Tavani | shutterstock

# IS-SORS TAL-PAĊI

"Huwa Alla, u m'hemm ħadd denju tal-qima ħlief Hu, Dak li jaf kollox dwar dak li jidher u dak li ma jidhirx. Huwa l-Ġentili, il-Ħanin.

Huwa Alla, u m'hemm ħadd denju tal-qima ħlief Hu, is-Sovran, il-Qaddis, is-Sors tal-Paċi, il-Protettur, is-Setgħani, il-Ħakkiem, in-Nobbli. Qaddis huwa Alla ħafna aktar minn dak li jassoċjaw Miegħu.

Huwa Alla l-Ħallieq, il-Kreatur, l-Għammiel. Tiegħu huma l-aktar ismijiet sbieħ. Dak kollu li jinsab fis-smewwiet u fl-art jigglorifikaH; u Huwa s-Setgħani, l-Għaqli." (Il-Koran Imqaddes, 59:23-25)

# ĦAJ U MEJJET

"Dak li jiftakar fil-Mulej Sidu u dak li ma jiftakarx fih, huma bħall-ħaj u l-mejjet. Id-dar li fiha jitfakkar Alla u d-dar li fiha Alla ma jitfakkarx, huma bħall-ħaj u l-mejjet." (Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih)

# L-GĦAJN TAL-ĦAJJA

"Kemm hu xortih ħażina, tabilħaqq, dak il-bniedem li lanqas biss jaf li għandu Alla b'setgħa fuq kollox! Il-Ġenna tagħna, tabilħaqq, hija Alla tagħna: l-ogħla tgawdija tagħna hija f'Alla għaliex aħna rajnieH u kull ġmiel jinsab fiH. Jaqbel li kulħadd ikollu dan it-teżor, anki jekk wieħed jitlef ħajtu għalih; u din hija ġawhra li għandha tinxtara anki jekk tinkiseb biss billi wieħed jissagrifika lilu nnifsu għalkollox.

O inti li qed tħossok vojt, iġri lejn din l-għajn ħalli l-għatx tiegħek jittaffa. Hija l-għajn tal-ħajja li se ssalvak. X'nista' nagħmel jien, u kif nista' nwaħħad din l-aħbar tajba f'moħħok, b'liema tanbur għandi mmur fit-toroq ngħajjat li Dan huwa Alla tiegħek, ħalli kulħadd għandu jisma'! U b'liema ingwent għandi nfejjaq lin-nies ħalli jinfetħulhom widnejhom biex jisimgħu! Jekk inti tassew issir ta' Alla, mela ibqa' żgur li Alla jkun tiegħek fis-sew."

(Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi, Ruħani Kħażain vol. 19, p. 21-22)

# Il-LIBERTÀ TAR-RELIĠJON

Il-fidi hija kwistjoni u impenn personali; hija għemil volontarju mwieled mill-konvinzjoni u l-ħelsien. In-nies kollha għandhom jitħallew ifittxu l-verità mill-mogħdijiet tagħhom stess. Il-Koran Imqaddes, il-ktieb sagru tal-Iżlam, jenfasizza l-libertà reliġjuża b'termini ċari ħafna. Fl-Iżlam, l-isfurzar mhuwiex kompatibbli mat-twemmin.

Alla pprovda lill-bniedem il-mezzi kollha li bihom jista' jsib il-mogħdija l-ġusta, u ġie mżejjen b'għajnejn kemm spiritwali kif ukoll fiżiċi ħalli jkun jista' jagħraf bejn it-tajjeb u l-ħażin. Madanakollu, Alla ħalla l-għażla tat-tiftix tat-triq f'idejn il-bniedem, skont ir-rieda ħielsa tiegħu, mingħajr l-ebda sfurzar.

Filwaqt li jiddikjara l-prinċipju fundamentali tal-libertà reliġjuża u jikkundanna kull forma ta' kostrinġiment, il-Koran Imqaddes jistqarr:

> "**M'għandu jkun hemm l-ebda sfurzar fil-kwistjoni tar-reliġjon**. It-tajjeb ġie jingħaraf mill-ħażin; u se jiġri li kull min jabbanduna d-direzzjoni l-ħażina u jemmen f'Alla, ikun qisu ħakem manku iebes, li ma jaf bl-ebda tkissir." (2:257)
>
> "Ja Messaġġier! Għid lin-nies li issa l-verità waslet lilkom mingħand il-Mulej tagħkom. Għalhekk min se jaċċetta din id-direzzjoni, se jagħmel dan għall-ġid ta' ruħu stess, u min se jsegwi l-mogħdija l-ħażina, il-konsegwenzi ta' dan se jsofrihom huwa wkoll. U jiena m'iniex għassies fuqkom." (10:109)
>
> "U jekk il-Mulej tagħkom kellu jimponi r-rieda Tiegħu, ċertament li dawk kollha li jinsabu fuq din l-art kienu jemmnu lkoll flimkien. Allura inti se toqgħod iġġiegħel in-nies jemmnu?" (10:100)
>
> "U għidu, 'Din hija l-verità mill-Mulej tagħkom; għalhekk ħallu lil dak li jrid, jemmen, u ħallu lil dak li jrid, ma jemminx'. "(18:30)

Dawn il-versi juru li skont l-Iżlam il-libertà reliġjuża hija parti mill-pjan ta' Alla. Tassew, Alla jwiddeb lill-Musulmani biex ma jużaw l-ebda sfurzar fi kwistjonijiet ta' twemmin. Fidi sfurzata mhi fidi xejn.

# IL-KRIŻI DINJIJA U T-TRIQ GĦALL-PAĊI



Il-Qdusija Tiegħu Ħażrat Mirża Masroor Aħmad huwa l-mexxej dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, maħtur fil-pożizzjoni tiegħu f'April 2003. Huwa jmexxi din il-komunità globali li llum hija stabbilita f'210 pajjiż b'għexieren ta' miljuni ta' membri mferrxin mad-dinja kollha.

Bħala l-aktar figura Musulmana promettenti fid-dinja li tippromwovi l-paċi u l-armonija interreliġjuża, il-Qdusija Tiegħu l-ħin kollu jipprova jsaħħaħ it-triq tal-paċi bis-saħħa tal-qima lejn Alla l-Omnipotenti u s-servizz lejn l-umanità. Permezz ta' bosta prietki, lekċers, kotba u laqgħat personali, huwa enfasizza fuq is-separazzjoni bejn ir-reliġjon u l-istat, u huwa ssapportja l-kawża tal-bżonn tad-drittijiet umani universali bis-saħħa tal-ġustizzja għal kulħadd.

Fil-ktieb tiegħu ***Il-Kriżi Dinjija u t-Triq għall-Paċi***, il-Qdusija Tiegħu Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-mexxej dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, iwiddeb lid-dinja dwar il-perikli li jinsabu wara l-bieb u kif din tista' tevita diżastru u toħloq pjan għall-paċi.

Waqt li jwessa' l-messaġġ tal-paċi huwa jistqarr:

"Il-Komunità Ahmadiyya tipprattika eżattament dak li tipprietka; u dak kollu li ngħidu u nwettqu huwa bbażat fuq tagħlim Iżlamiku ġenwin – li huwa **'Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd'**... L-għanijiet tagħna huma li nistabbilixxu l-ogħla livelli ta' mħabba, għożża u fraternità.

Li tħabrek għall-paċi hija ambizzjoni nobbli u d-dinja minn dejjem kellha ħtieġa kbira ta' dan. Jekk niflu s-sitwazzjoni fid-dinja llum, nintebħu li issa, aktar minn qatt qabel, iż-żmien qed jurina li għandna nfittxu u naħdmu ħafna għall-paċi u l-armonija fid-dinja.

"Se nkompli dejjem, jekk Alla jrid, inwettaq dmiri u r-responsabbiltajiet tiegħi sabiex nippromwovi l-paċi, it-tolleranza, il-ġustizzja u l-mogħdrija fl-irkejjen kollha tad-dinja.

Se nkompli ngħid lin-nies kollha li biex innaqqsu mill-weġgħat u s-sofferenzi li naffaċċjaw illum, irridu nadottaw ġustizzja u ugwaljanza ġenwini."

(Id-diskors fl-10 Simpożju tal-Paċi fl-Ingilterra)




Jekk tridu kopja ta' dan il-ktieb b'xejn, iktbulna fuq: **amjmalta@gmail.com**, jew aqraw onlajn fuq **www.ahmadiyya.mt**.





## GĦOTJA TA' ĦAMPERS

Laiq Ahmed Atif, President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta, ippreżenta għadd ta' ħampers għal nies fil-bżonn, lil Fr. Hilary Tagliaferro id-direttur tal-Millennium Chapel, u Fr. Dionysius Mintoff, il-fundatur tal-Laboratorju tal-Paċi. Hu spjega li s-servizz għall-umanità hija parti integrali tat-tagħlim Iżlamiku. Għalhekk, il-Komunità Ahmadiyya għandha l-impenn biex tgħin lil dawk fil-bżonn irrispettivament mit-twemmin, in-nazzjonalità u l-ideat politiċi.







# L-EWWEL KONVENZJONI ANNWALI (JALSA SALANA MALTA)

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta tellgħet l-Ewwel Konvenzjoni Annwali tagħha (Jalsa Salana) nhar il-Ħadd 10 ta' Diċembru 2017, fil-Lukanda Waterfront, il-Gżira. Membri tal-Komunità lokali, mistednin u dinjitarji attendew għal din il-konvenzjoni. Laiq Ahmed Atif, l-Imam tal-Komunità, qara l-messaġġ speċjali mill-Mexxej spiritwali tal-Komunità Ahmadiyya, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]. Huwa ħeġġeġ lill-membri tal-Komunità biex jilħqu l-ogħla livelli f'kull qasam tal-ħajja billi jgħixu t-tagħlim ġenwin u paċifiku tal-Iżlam. Diversi kelliema taw id-diskorsi tagħhom f'din il-konvenzjoni.




# DONAZZJONI GĦALL-ISTRINA 2017

Laiq Ahmed Atif, President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta, jippreżenta d-donazzjoni fl-Istrina 2017.

# IT-TOLLERANZA U L-ARMONIJA

Darba waqt iż-żmien tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, delegazzjoni Nisranija minn Najran waslet Medina biex ikollha taħditiet dwar ir-reliġjonijiet mal-Musulmani. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, laqa' d-delegazzjoni b'ospitalità kbira, u kellu diskussjonijiet magħhom għal ħafna jiem fil-moskea tiegħu f'Medina bl-isem ta' 'il-Moskea tal-Profeta'.

Darba minnhom waqt diskussjoni d-delegazzjoni Nisranija talbet il-permess biex toħroġ barra għal xi ħin. Il-Profeta Muħammad staqsiehom, "Għalfejn tridu toħorġu barra?"

Huma wieġbu, "Wasal il-ħin tat-talb u nixtiequ noħorġu biex nitolbu barra l-moskea."

Il-Profeta qal: "Din hija wkoll id-dar ta' Alla; tistgħu titolbu u tqimu f'din il-moskea." U tahom lok fil-moskea tiegħu u ħareġ barra mal-kumpanni tiegħu ħalli l-Insara jkunu jistgħu jitolbu b'faċilità skont il-fidi u t-twemmin tagħhom. Dan huwa eżempju mill-aqwa tat-tolleranza u l-armonija reliġjuża.

# KLIEM L-GĦERF

¤ Wieħed li ma jurix ħniena ma jsibx lil min iħenn għalih.

¤ Xejn ma jiżen aktar fil-miżien ta' Alla daqs l-imġiba eċċellenti.

¤ Salvaw lilkom infuskom mill-għira, għaliex l-għira teqred il-virtù daqskemm in-nar jeqred il-ħatab.

¤ Ħadd minnkom ma jista' jkun emmien ta' veru jekk ma jixtieqx għal ħuh dak li jixtieq għalih innifsu.

¤ Alla ma jħarisx lejn il-forom jew ir-rikkezzi tagħkom iżda Huwa jħares fil-qlub u fl-għemejjel tagħkom.

(Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih)

---

"ID-DAWL" (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**